## 7 ta' Jannar, 1964

**Imħallef:**

## Onor. Dr. E. Magri LL.D.

Henrichetta armla Borg pro et noe

*versus*

Vittorio Sant

*F'materja ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-Qorti "Ratione Materiae" hu risaput li l-liġi tħares lejn l-objettivita' tal-att indipendentement mill-kwalita' personali tal-kollitiganti.*

*Gie ritenut li anki kummerċjant jista jagħmel atti li ikunu ta' natura prettament ċivili, u dana jista jivverifika ruħu anke bejn żewġ kummerċjanti.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazjoni li bih l-attriċi proprio et nomine et, billi bi skrittura privata tal-5 ta' Diċembru 1961, l-atturi proprio et nomine, krew lill konvenut ġnien bla numru f'Windmill Street, Balzan bil-kera ta' tletin lira (£30) fis sena għal żmien tnax il-sena u dana jekk l-Onorabbili Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili Tal-Maesta' tar-Reġina ma tapprovax it-trasferiment tal-istess ġnien a favur tal-konvenut taħt il-kondizjonijiet imsemmija fl-istess skrittura (Dok. A) anness maċ-ċitazjoni, billi l-imsemmija Qorti ma approvatx il-kondizzjonijiet tal-imsemmi konvenju u il-konvenut baqa jikri l-ġnien għal żmien sena u ħames xhur; billi f'dan iż-żmien il-konvenut għamel ħsara konsiderevoli fil-fond kif jiġi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża; billi il-konvenut wara sena u ħames xhur in okkupazjoni tal-fond irresstitwixxa ċ-ċwievet lill-atturi proprio

et nomine li aċċettawhom, premessi d-dikjarazjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvediment opportuni talbu li il-konvenut (1) jiġi kundannat min dina il-Qorti jħallas lill-atturi s-somma ta' tnejn u erbgħin lira u nofs (£42.10.0) ta' kera ta' sena u ħames xhur dovuti mill-konvenut tal-ġnien f'Windmill Street, Balzan (ii) Dil-Qorti tillikwida d-danni kaġjonati mill-konvenut fil-proprieta' tal-instanti proprio et nomine fiż-żmien li dana kien f'idejh fil-kas ta' bżonn per opera ta' periti nominandi (iii) u dil-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi proprio et nomine dika is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni kaġjonati fil-proprieta' *tagħhom għar-raġunijiet fuq premessi*, bl-*ispejjeż* komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Lulju, 1963, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xiehda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa preliminarment li dina l-Qorti hija inkompetenti "ratione *materiae" li tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża stante* li esponent huwa kummerċjant ta' artijiet u bini, u sekondarjament u mingħajr preġiudiziju tal-eċċezzjoni preliminari, illi it-talbiet attriċi huma fid-dritt u fil-fatt infondati peress li, minħabba li l-atturi ma rnexxilhomx jottjenu l-approvazjoni tas-Sekond'Awla huwa qatt ma kera il-ġnien in kwistjoni u ma għamilx ebda ħsara fl-istess ġnien.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" il-konvenut qiegħed isostni li huwa negozjant, billi huwa jixtri u ibiegħ karozzi, muturi u bini, u li l-ġnien in kwist-

joni kien sejjer jieħdu mingħand l-atturi biex jinbiegħ u ma kienx sejjer jużah għalih;

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti mhiex sejra tidħol fil-kwistjoni jekk il-konvenut huwa impresarju tal-bini fis-sens kontemplat mill-art 5 (g) tal-Kodiċi Kummerċjali, u dana għaliex mill-kompless tal-provi jidher li l-konvenut kien sejjer jakkwista dana l-ġnien biex iżommu għalih, u lanqas ma kellu l-ħsieb li jinnegozjah. Tant huwa hekk li poġġa fih numru rilevanti ta' tiġieġ li kellhom iservu għall-bżonnijiet tiegħu u tal-familja tiegħu. Huwa, infatti, risaput li l-liġi tħares lejn l-objettivita' tal-att independentement mill-kwalita' personali tal-kollitiganti (Kollez XXIX — II — 703).

Ikkunsidrat:

Li, skond kif svolġew ruħhom il-fatti, il-konvenut illum anqas ma jinsab fil-posizzjoni li kif qal huwa, li jispekula fuq dana l-ġnien billi jibnih, għaliex "ex admissis" jirriżulta li l-atturi rċevew id-ċwievet tal-ġnien mingħand il konvenut; u għalhekk ma baqalu ebda titolu jew konnessjoni mal-istess post; u "multo magis" jista għalhekk ikun oġġett ta' impriża edilizja. L-atturi kienu ġiustifikati jaħsbu li dana l-fond ma kienx imdaħħal fin-negozju ta' xiri u bejgħ tal-bini li soltu jagħmel il konvenut.

Ikkunsidrat:

Li ġie ritenut li anke kummerċjant jista jagħmel atti li ikunu natura prettament ċivili, u dana jista jivverifika ruħu anki bejn żewġ kummerċjanti; u għalhekk fil-kas in desamina ma jidhirx li hija aplikabili d-disposizzjoni tal-art

37 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15) (ara Kollez. XXVI, 11, 117; XXII, 11, 561; XXXI, 1, 623).

Għal dawna r-raġunijiet tiddeċiedi billi tiddikjara li hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu.